Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,305, 4 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 319 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 210 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Mejju 2014 'il quddiem.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

"il Fakultà" tfisser il-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut mill-Fakultà għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi:

(a) grad ta' Master fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat miksub wara li jkunu temmew il-grad tal-ewwel ċiklu jew kwalifika komparabbli; jew

(b) grad tal-ewwel ċiklu f'suġġett relatat miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Ta' Fuq); jew

(ċ) kwalifika ta' grad komparabbli mal-gradi speċifikati fis-sottoparagrafi (a) u (b), kif approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(2) Fil-każ ta' applikanti li jippreżentaw grad kif indikat fis-sottoparagrafi (b) u (ċ), il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat għandu:

(a) jaċċerta ruħu li l-applikant għandu sfond b'saħħtu ħafna fil-qasam ta' studju relatat mal-qasam tar-riċerka proposta; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) jissottometti rakkomandazzjoni b'motivazzjoni ċara lill-Bord biex l-applikant jiġi aċċettat għall-konsiderazzjoni aktar 'il quddiem mill-Kumitat tal-Ph.D. u mis-Senat."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva ta' mhux aktar minn 3000 kelma eskluża r-riferenzi, li tiddeskrivi l-proġett propost, inklużi s-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat**

7. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra ta' Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat li jkun magħmul minn:

Id-Dekan tal-Fakultà jew delegat (*Chairperson*)
3 - 4 membri tal-Fakultà li għandhom kwalifiki akkademiċi tad-dottorat."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

8. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti**

8. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat, kull sena għall-istudenti kollha taħt is-superviżjoni tagħhom."

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

9. Minflok l-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. (1) Wara tnax–il xahar u mhux aktar minn erbgħa u għoxrin xahar ta' studju *full-time,* l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu parti sostanzjali mix-xogħol ta' riċerka tagħhom għall-konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* għandu jkun maħtur mill-Bord fuq il-parir tal-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat u għandu jkun magħmul minn *chairman*, is-Superviżur Prinċipali u akkademiku b'kompetenza fil-qasam.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent b'mod orali u għandu jissottometti l-ewwel, rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali."

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

10. Minflok l-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"11. L-istudenti reġistrati mal-Fakultà jistgħu jiġu mitluba jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u ta' tagħlim tal-Fakultà."

L-Emenda għall-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali

11. Minflok l-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

13. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni tat-teżi l-istudenti għandhom ikunu nfurmati li huma għandhom jinfurmaw lill-Fakultà li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni."

L-Emenda għall-ordinament 16 tal-ordinamenti prinċipali

12. Minflok l-ordinament 16 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"16. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja tat-teżi tagħhom mingħajr legatura għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, skont il-format indikat fil-linji gwida ppubblikati, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat mill-Fakultà għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Fakultà tlett kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija tad-dipartiment u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad."